MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Kriminali Numru. 213/2011

Il-Pulizija
Vs
Vincent Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-6 ta' April, 2011 ghal habta ta' 2345hrs fil-Belt Valletta, waqt li kien qed isuq motor-car jew vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni ABS871,

1. Saq l-istess vettura bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura jew prova jsuq jew kellu l-kontroll ta' motor-car jew vettura ohra fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
3. U aktar talli naqas milli jaghti kampjun tan-nifs bil-ghan li tittiehed, indikazzjoni ta' jekk il-proporzjoni ta' alkohol fin-nifs, jew fid-demm jew fl-urina tieghu kinetx

izjed mil-limitu preskritt u dan kif mahsub fl-artikolu 15A et sequitur ta’ Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. Kiser il-kundizzjonijijet tal-liberta` provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fis-17 ta’ Novembru, 2010, f’ dan li jirtira gewwa r-residenza teighu mhux aktar tard mil-17:30hrs u ma johrogx minn hemm gew aktar kmieni mit- 0800hrs ta’ l-ghada kif ukoll li ma jikkommettix delitt waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ somma ta’ sebat elef euro (€7000) u garanzija personali ta’ ghaxart elef euro (€10000) fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti.
5. Kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella LL.D. nhar id-19 ta’ April, 2008;
6. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Vincent Attard u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ €7,000 bhala depozitu u s-somma ta’ €10,000 bhala garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-kaz ta’ htija, b’zieda ghal piena il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lil Vincent Attard milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal-zmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem kif mahsub fl-artikolu 15(3) ta’ Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ April, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a) u (2), l-Artikolu 15A u l-artikolu 15(H) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 17(b), l-artikolu 31 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illiberat lill-appellant mit-tielet u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tieni u s-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-perjodu ta’ tlett xhur prigunerija u b’zieda ma din il-piena skwalifikat lill-

appellant milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal zmien seba’ (7) xhur.

L-ewwel Qorti wara li kkunsidrat l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati tar-raba imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li a tenur ta’ l-artikolu 579(4) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta’ Malta irrevokat il-helsien mill-arrest koncess lill-appellant b’ digriet tal-Qorti Kriminali datat 21 ta’ Ottubru, 2010 kif varjat b’digriet ta’ din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Miriam Hayman datat 17 ta’ Novembru, 2010, ordnat l-arrest mill-gdid ta’ l-appellant u kkundannat lill-appellant ghal-perjodu ta’ tlett (3) xhur prigunerija. Il-Qorti ordnat ukoll li s-somma ta’ sebat elef euro (€7000) depozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti u l-garanzija personali ta’ ghaxart elef Euro (€10000) ghall-fini li l-appellant inghata l-helisen mill-arrest bid-digrieti msemmija ghandhom jghaddu favur il-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-esponenti ma giex misjub hati tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet u li minnhom lliberatu u tirrevokaha kwantu l-esponenti nstab hati ta’ l-ewwel, it-tieni, ir-raba` u s-sitt imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti taht l-ewwel, it-tieni, r-raba u s-sitt imputazzjonijiet tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. *Illi ma gietx pruvata l-esistenza legali tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni*

Fejn l-appellant jargumenta li l-provi li gew prodotti mill-prosekuzjoni ma setghu qatt iwasslu ghall-sejbien taht dawn l-imputazzjonijiet odjerni stante li ma gewx pruvati l-elementi kollha tad-delitti in kwistjoni.

2. *Aggravju dwar il-liberta` provizorja*

Fejn fir-rikors tal-appell jinghad li mill-bidu nett kif il-prosekuzjoni u konsegwentement l-Ewwel Qorti kkunsidraw ir-raba` imputazzjoni minn ottika legali zbaljata. Tibda l-prosekuzjoni sabiex tinduci fl-izball lill-Ewwel Qorti, billi hija tishaq li wahda mil-kondizzjonijiet li l-espoenti kellu mposti fuqu mill-Qorti Kriminali kienet propju l-kondizzjoni ‘li ma jikkommettix delit waqt li jkun mehlus mill arrest”. L-appellant jghid li analizi tad-digrieti esebiti u cioe` dok JC5 u JC6 imkien ma jinponu tali kondizzjoni.

3. *Aggravju dwar ir-ricediva*

Fejn l-appellant jikkontendi illi r-ricediva ma gietx ippruvata kif trid il-ligi u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-aggravju tar-ricediva.

4. *L-apprezzament tal-provi*

L-appellant isostni li is-sentenza appellata turi bic-car kif il-Qorti ghamlet l-ezercizzju tal-analizi tal-provi b’mod oppozitorju ghal-principju kardinali, fejn ghanda tifli l-provi tal-prosekuzjoni u tara fejn iwassluha u wara tifli l-provi tad-difiza jekk ikun il-kaz u tara x’ livell ta’ dubbju jezisti, ghal kuntrarju skond l-appellant, l-ewwel Qorti l-ewwel gharblet il-provi tad-difiza u wara galadarba ma accettatxx l-istess provi ghaddiet ghal konsegwenzjali sejbien ta’ htija.

5. *Il-linja difenzjonali ta' dureness of circumstances*

*6. Il-piena*

Fejn minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-appellant jishaq li l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti kontrih huma mezz ghal fini tar-raba` imputazzjoni u ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 17(h), l-esponenti ma kellux jinghata piena specifika biss ghas-sejbien ta' htija taht l-ewwel, it-tieni, u s-sitt imputazzjoni u piena ohra specifika biss ghas-sejbien ta' htija tar-raba` imputazzjoni.

In ogni caso, anke jew is-suespost ma jigix abbraccjat, a bazi tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali zgur li qatt ma jista` jkun hemm piena limitata biss ghal tlett imputazzjonijiet biss u piena addizzjonali ghal imputazzjonijiet ohra. Fil-kaz de quo, minkejja li l-Ewwel Qorti ghamlet refereza ghall-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, ma jidhirx li dan gie applikat korrettement.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Vincent Attard fis-6 ta' April, 2011 ghall-habta ta' 23:45 hours, fil-Belt Valletta, kien qed isuq vettura bin-numru ABS 871. Wara li saq distanza zghira baqa` diehel fuq tappira illi taghti fuq il-Fosos quddiem il-Forti Sant'Irmu tal-Belt.

Gie allegat illi l-appellant ma kienx fi stat li jsuq imhabba l-effett ta' xorb jew droga. Terga`, li kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'digriet tas-17 ta' Novembru 2010 u senjament li jirtira fir-residenza tieghu mhux aktar tard minn 17:30 hours u ma johrogx minn hemm aktar kmieni minn 08:00 hours ta' l-ghada filghodu.

Gie addebitat ukoll li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jikkommettix delitt waqt li jkun mehlus mill-arrest u talli kiser kondizzjoni

imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tad-19 ta' April, 2008.

Fl-ahhar qed jigi addebitat li rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti liema sentenzi saru definittivi.

Ikkunsidrat,

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jibda biex jghid illi ma hemmx provi bizzejjed biex jindikaw illi kien qed isuq taht l-influwenza ta' xorb jew droga.

Jidher illi ghall-appellant ix-xiehda tal-Pulizija PC 137 u PS 343 mhijiex bizzejjed. Dana minkejja illi jghidu illi meta waslu fuq il-post indunaw illi l-appellant ma kienx qed jagixxi bhala bniedem b'sensieh u li x'hin hareg mill-vettura beda jixxengel biex jimxi.

Meta l-Qorti tqis il-mod kif spiccat il-vettura w l-istat tal-appellant kollox jindika illi dan kien fis-sakra jew taht l-influwenza tad-droga.

Dina hija l-ahjar prova indizjarja illi jista` jkollok f'cirkostanzi bhal dawn u ben saput illi prova cirkostanzjali tista` toqghod fuqha jekk dina twasslek ghall-konkluzzjoni wahda, w wara li l-Qorti qrat ix-xiehda tal-Pulizija, rat l-istat tal-karozza, rat id-dokumenti esebiti speccjalment ir-rapport tossikologiku, allura ma jkollha l-ebda dubju illi l-appellant ma kienx fi stat illi jsuq karozza imhabba xorb zejjed jew « overdose ».

Dawn il-provi mhumiex suppozizjonijiet kif qed jallega l-appellant izda huma fatti li graw mill-operat stess tal-appellant u mir-rizultanzi medici illi saru waqt li l-appellant kien qed jinghata l-kura wara l-incident, u l-kura li kien qed jinghata ma kienitx ghall-azma, kif allega l-appellant, izda ghall-affarijiet ohra illi l-iktar huma qrib « overdose » ta' droga milli xi haga ohra.

Din il-Qorti hija sodisfatta illi d-difiza ta’ « dueress of circumstances » li qajjem l-appellant m’ghandix treggi f’dan ir-rigward.

L-appellant jghid illi huwa kien kostrett johrog mid-dar f’dawk il-hinijiet minkejja illi huwa kien marbut b’kondizzjonijiet illi ma johrogx peress illi gieh attakk tal-azma illi ma setax jikkontrolla u ried imur il-polyclinic. Verament l-appellant ma jafx x’inhi attakk tal-azma ghax persuna f’dak l-istat zgur illi ma tistax tidhol f’karozza ahseb u ara ssuqha.

Bhal l-Ewwel Qorti din il-Qorti hija sodisfatta illi dana mhux vera gara izda l-appellant qed juzaha bhala skuza biex jiggustifika l-agir illegali tieghu.

Difiza ohra li qajjem l-appellant hija s-semplici fatt illi kien hemm incident b’vettura ma jfissirx awtomatikament li x-xufier ta’ dik il-vettura kien qed isuq bi traskuragni kbira jew b’mod perikoluz.

Bhala principju generali dana huwa korrett izda kull incident ghandu c-cirkostanzi partikolari tieghu u f’dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad illi s-sewqan tal-appellant ma kienx wiehed perikoluz.

Jibda biex jinghad li l-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant ma kienx fi stat illi jsuq vettura. Wara ftit metri illi beda jsuq dahal dritt go tappira tal-gebel f’post illi jkun frekwentat hafna bin-nies. Jekk dawn il-konsegwenzi ma jindikawx sewqan perikoluz, din il-Qorti ma tafx x’jista` jkun allura sewqan perikoluz.

L-appellant jghid illi ma giex ippruvat l-intenzjoni illi huwa deliberatament ha riskji fis-sewqan li ma kellux jiehdu. Hu argument li la hu ddecieda li jsuq meta kien ghadu fi stat li jista` jsuq u jmur jiehu l-kura bhal ma gara drabi ohra, l-esponent ma kienx qed jiehu riskji deliberatament.

Il-provi pero` juru mod iehor. Il-fatt illi l-incident gara ftit metri hekk kif l-appellant beda jsuq hija indikazzjoni cara illi l-appellant ma kienx f’posizzjoni li jsuq. Dana kien jafu

sew u hawnhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi fil-fatt l-appellant deliberatament ha riskju fis-sewqan meta kien jaf li ma kienx fi stat li jsuq. Jekk kien hemm xi emergenza subitanja dina gabha l-appellant stess bid-decizjoni tieghu li jsuq karozza meta ma kienx f'sura li jaghmel hekk.

Rigward ir-raba` akkuza dina qeghda taddebita lill-appellant li kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja meta huwa hareg mid-dar f'hinijiet li ma kienx awtorizzat johrog kif ukoll li ma kkommettix delitt waqt li jkun mehlus mill-arrest.

L-appellant qieghed jargumenta li l-addebitu li ma jikkommettix delitt waqt li jkun mehlus mill-arrest huma linji gwida ghall-Qorti u mhux kondizzjonijiet ghall-persuna. Dana fl-isfond tal-artikolu 575 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi huma konsiderazzjonijiet illi l-Qorti izzomm quddiemha meta tigi biex tiddeciedi jekk ghandhix taghti l-liberta` provvizorja lil persuna jew le.

Il-Qorti thoss illi hawnhekk l-appellant ghandu ragun.

L-artikolu 575 tal-Kap. 9 huma linji gwida ghall-Qorti meta tigi biex tikkonsidra l-ghoti tal-liberta` provvizorja, izda mhux kondizzjonijiet fuq l-akkuzat. Il-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja ikunu ben stabbiliti fid-digriet tal-Qorti u f'dan il-kaz fost il-kondizzjonijiet illi kellu l-appellant kien dak li ma johrogx minn daru f'certa hinijiet. Hija din il-kondizzjoni illi l-appellant kiser u mhux il-fatt illi kkommetta reat iehor. Jekk ikun ikkommetta delitt iehor allura f'danil-kaz huwa jghaddi gudizzju skond il-ligi imma ma jistax iservi ta' addebitu fuq il-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja meta dawn l-istess kondizzjonijiet ma jsemmux dan il-fatt.

Pero` l-ewwel parti ta' din l-akkuza tirrizulta zgur u ma hemmx dubju illi l-appellant kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja tieghu liema ksur sar b'mod volutt minghajr l-ebda cirkostanzi attenwanti.

Rigward l-aggravju tar-recidiva gew esebiti f'dawn l-atti zewg sentenzi, wahda mill-Onorabbli Qorti tal-Appell deciza fis-16 ta' Novembru 2009 Dok. JC9 u sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' April, 2008.

Rigward l-ewwel sentenza hemm biss isem Vincent Attard izda ma hemmx referenza ghal xi numru tal-identita` jew residenza. L-ufficjal prosekutur f'dik il-kawza l-Ispettur Nicholas Ciappara ma giex ingunt biex jixhed sabiex jikkonferma l-identita` ta' min kien l-imputat li instab hati. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant fejn jghid illi tali sentenza ma tistax tikkostitwixxi prova tar-recidiva kif titlob il-ligi.

Rigward is-sentenza l-ohra tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' April, 2008 ghalkemm fiha prova tal-identifikazzjoni tal-imputat, madankollu, tali sentenza kienet imponiet fuq l-esponent ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal terminu ta' tlett snin, liema terminu fil-kommissjoni ta' dan ir-reat kien ghadu vigenti.

L-appellant jargumenta li ordni ta' probation mhijiex piena u bhala tali ma kellhix tintuza ghall-aggravju tar-recidiva.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Christopher Agius deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 17-09-2004. F'dan il-kaz Agius kien tpogga taht probation ghall-perjodu ta' tlett snin u imhabba f'hekk gie addebitat bl-aggravju tar-recidiva. Il-Qorti tal-Appell pero` kienet cara fl-argumenti taghha meta qalet li Christopher Agius ***« qatt ma seta` jigi addebitat mill-Pulizija Ezekuttiva bir-recidiva dwar dik is-sentenza ».*** Il-Qorti kkonkludiet ***« id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perjodu ta' tlett snin ma setghet qatt titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet tar-recidiva ».***

Ghalhekk dan l-aggravju jisthoq li jkun milquh.

Ghal dak li huwa l-apprezzament tal-provi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha (Il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28-04-1995).

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha ghajr dwar l-aggravju tar-recidiva kif fuq inghad. Mill-bqija mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti m’ghandhix tigi disturbata w l-aggravji tal-appellant hlief dik tar-recidiva qed jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddiciedi illi tilqa` in parti l-appell, tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx htija mal-appellant ghat-tielet u l-hames imputazzjonijiet u li minnhom illiberatu, tikkonfermaha wkoll fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w ir-raba` imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn sabitu hati tas-sitt imputazzjoni li minnha din il-Qorti qeghda tilliberah, tvarja l-piena inflitta w minflok tikkundanna lill-appellant ghal perjodu ta’ xahrejn prigunerija bil-konferma tal-bqija tal-piena kif imposta mill-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------